# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 11 ta’ Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 12**

**Avviz numru 1274/00/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Eucharist Bajada**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u tmin liri Maltin u hamsin centezmu (LM408.50,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 582518 (skond kif jirrizulta mill-anness “statement” Dok. A) liema servizz gie stallat fil-“Garden of Eden”, Triq il-Bidnija, Zebbiegh u dana skond ma kif jidher mill-anness ‘service agreement’ Dok. B;**

**Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Dicembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**